PARLAMENT EWROPEW

2004 *2009*

Kumitat għall-Kultura u l-Edukazzjoni

2006/2251(INI)

22.3.2007

OPINJONI

tal-Kumitat għall-Kultura u l-Edukazzjoni

għall-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern

dwar Pjan ta' Politika dwar l-Immigrazzjoni Legali
(2006/2251(INI))

Rapporteur għal opinjoni: Maria Badia I Cutchet

PA_NonLeg

SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għall-Kultura u l-Edukazzjoni jistieden lill-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern, bħala l-Kumitat responsabbli, sabiex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni li se jadotta:

A. billi t-tfal ta' l-immigranti jridu jkunu kapaċi jgawdu l-istess kundizzjonijiet edukattivi bħall-bqija ta' l-istudenti fis-sistema edukattiva fil-pajjiż ospitanti tagħhom, u li mod tajjeb kif tiġi promossa l-integrazzjoni hu li jkun hemm rappreżentanza bilanċjata ta' immigranti fl-iskola, billi jitħalltu ma' studenti nazzjonali biex tiġi evitata gettoizzazzjoni;

B. billi, aktar minn hekk, biex tittejjeb id-diffikultà ta' l-adulti immigranti rigward l-fatt li ma tantx jafu jiktbu u jitkellmu bil-lingwa tal-pajjiż ospitanti, huwa essenzjali li jiġu introdotti politiki għall-integrazzjoni tagħhom;

1. jirrimarka li l-approċċ għall-immigrazzjoni jrid ikun koerenti fl-aspetti kollha tiegħu, inkluż dawk soċjali, edukazzjonali u kulturali u jkun żviluppat b'koperazzjoni mal-pajjiżi ta' l-oriġini;

2. jitlob lill-Istati Membri biex jiżviluppaw politiki mmirati biex jiffaċilitaw l-aċċess għal u l-integrazzjoni ta' immiġranti u tad-dixxendenti tagħhom fis-sistema edukattiva, u tingħata prijorità lill-immigranti ta' l-ewwel ġenerazzjon, sabiex it-tieni u t-tielet ġenerazzjonijiet ta' l-immigranti jkunu jistgħu jgawdu minn opportunitajiet indaqs; u jistieden lill-Kummissjoni biex tagħmel użu mill-possibilitajiet maħluqa fil-programmi ta' l-UE, speċjalment fil-programm "Ċittadini għall-Ewropa", "Żgħażagħ Attivi" u "Kultura 2007 – 2013";

3. jirrakkomanda biex l-Istati Membri jikkonsidraw li jistabbilixxu, taħt programm Komunitarji mfassal għal dan l-għan, bħall-Programm tat-Tagħlim għal tul il-Ħajja, sotto-programmi speċifiċi biex jgħinu lill-immigranti jintegraw fil-pajjiż ospitanti kemm permezz ta' l-istudju ta' l-istorja tiegħu kif ukoll permezz tat-tagħlim tal-qari u tal-kitba tal-lingwa tiegħu;

4. jinsisti dwar il-bżonn li jkun promoss l-involviment tal-pajjiżi li għadhom jiżviluppaw fil-proċessi ta' Bologna u Kopenħagen, sabiex jiffaċilita r-rikonoxximent tal-kwalifiki akkademiċi u professjonali miksuba f'dawn il-pajjiżi u biex itejjeb bil-mod il-mod is-sistemi edukattivi tagħhom, biex b'hekk jiġbdu aktar studenti lokali;

5. jirrimarka l-importanza tat-titjib fil-mobilità, fil-kwalità u fl-effiċjenza tas-sistemi edukattivi u ta' taħriġ fl-UE, u l-importanza tal-garanzija ta' aċċess għal dawn is-sistemi għal studenti minn pajjiżi terzi;

6. jissuġġerixxi li l-Istati Membri jappoġġjaw opportunitajiet indaqs fuq ix-xogħol u jiġġieldu n-nuqqas ta' sikurezza u l-ekonomija informali; jirrimarka li informazzjoni minn qabel dwar il-kapaċitajiet ta' l-immigranti, disponibbli b'mod trasparenti u paragunabbli, tiffaċilita l-integrazzjoni tagħhom fis-suq tax-xogħol;

7. jilqa' b'sodisfazzjon il-fatt li l-Kumitat għad-Drittijiet tan-Nisa u l-Ugwaljanza bejn is-Sessi esprima opinjoni dwar il-proposta tal-Kummissjoni, u jenfasizza l-importanza ta' l-integrazzjoni bejn is-sessi fil-politiki tal-migrazzjoni; b'mod partikulari jenfasizza, l-importanza li jiġi żgurat li l-immigranti li jidħlu fl-UE jkunu konxji mill-valuri u mill-

liġijiet eżistenti u mill-konvenzjonijiet soċjali dwar l-ugwaljanza bejn is-sessi, sabiex jiġu evitati sitwazzjonijiet ta’ diskriminazzjoni fis-soċjetajiet tal-pajjiżi ospitanti li jirriżultaw minn nuqqas ta' kuxjenza kulturali;

8. jirrakkomanda biex l-Istati Membri jippromwovu kampanji ta’ kuxjenza u ta' informazzjoni fil-pajjiżi ta' oriġini u fil-pajjiżi ospitanti, billi jiġu enfasizzati l-problemi relatati ma' immigrazzjoni illegali u mas-sanzjonijiet li huma imposti fuq min iħaddem immigranti illegali;

9. jaqbel li jiġi promoss reklutaġġ etiku sabiex jiġi evitat brain-drain, li jaffettwa b’mod speċjali setturi speċifiċi, bħall-kura tas-saħħa, f’bosta reġjuni Afrikani;

10. jirrakkomanda biex l-Istati Membri jipprovdu inċentivi u appoġġ lil immigranti li qed jikkunsidraw li jirritornaw lura lejn pajjiżhom, sabiex jinkoraġġixxu l-mobilità tax-xogħol u tat-taħriġ u sabiex il-pajjiżi rispettivi tagħhom ikunu jistgħu jibbenefikaw mill-kapaċitajiet imtejba ta’ l-immigranti; madankollu ma jaqbilx mal-politiki mmirati biex jisfurzaw lill-immigranti biex imorru lura, ħlief f'każijiet ta' ordnijiet ta' malajr mill-awtoritajiet ta' l-immigrazzjoni jew deċiżjonijiet tal-qorti;

11. jappella biex jiġu identifikati b’mod formali l-oqsma tal-kapaċitajiet li huma f’riskju ċar ta’ brain-drain;

12. iħeġġeġ lill-Kummissjoni biex toffri programm ta’ informazzjoni bażika dwar l-UE fil-pajjiżi ta’ oriġini biex tippromwovi għarfien dwar u rispett għad-drittijiet u d-dmirijiet ta’ l-immigranti;

13. jikkunsidra li l-użu ta’ teknoloġiji ġodda tal-komunikazzjoni u ta’ l-informazzjoni u websajt b’informazzjoni prattika, jistgħu tikkontribwixxu għall-immodernizzar tas-sistema ta’ aċċess, ta’ skambju u ta’ koordinazzjoni ta’ informazzjoni utli għal immigranti potenzjali; il-websajt EURES dwar il-mobilità tax-xogħol toffri esperjenza ta’ prattika tajba f’dan il-qasam;

14. jenfasizza li t-tagħlim tal-lingwa tal-pajjiż ospitanti huwa għodda li tiffaċilita l-integrazzjoni; jinnota li l-politiki ta’ integrazzjoni ta’ l-Istati Membri għandhom ikunu bbażati fuq il-prinċipju li l-integrazzjoni hi proċess minn żewġ naħat, li tirrikjedi impenn reċiproku min-naħa tas-soċjetà ospitanti u min-naħa tal-komunità ta’ l-immigranti, u jenfasizza l-importanza tat-tagħlim ta’ lingwi barranin kif ukoll tal-lingwa omm ta’ l-immigranti bħala mezz ta’ kif dawn iżommu l-kultura tagħhom;

15. jenfasizza l-bżonn biex tiġi kkunsidrata l-assikurazzjoni waqt il-perjodu ta’ “integrazzjoni” fil-pajjiż ospitanti, li barra mill-istudju ta’ l-istorja u l-lingwa tal-pajjiż, it-tfal immigranti jingħataw għajnuna biex jadattaw bil-mod għall-kurikulu tal-klassi li huma mistennija jingħaqdu magħha wara li jkunu spiċċaw li korsijiet preparatorji, biex jiffaċilitaw l-integrazzjoni tagħhom fl-iskola proprja;

16. jirrakkomanda biex l-Istati Membri, taħt il-programm "Ewropa għaċ-Ċittadini", jagħmlu arrangamenti ta’ lqugħ immirat u effettiv biex jipprovdu korsijiet ta’ qari u kitba lill-immigranti adulti, peress li mhux ser ikun possibbli li integrazzjoni mingħajr dwan il-miżuri tkun suċċess;

17. jaqbel mal-bżonn li jiġi rregolat u mmoniterjat l-istejtus ta’ apprentisti immigranti mħallsa biex tkun garantita konformità mal-liġijiet ta’ l-Istati Membri kontra kull forma ta’ abbuż; jilqa’ b’sodisfazzjoni l-possibilitajiet provduti għall-immigranti mill-

Programm Leonardo;

18. jissuggerixxi li l-Istati Membri jiffaċilitaw id-dħul u r-residenza ta' ħaddiema staġjunali, b'kunsiderazzjoni tan-natura temporanja ta' din il-kategorija ta' immigranti, skond ir-rekwiżiti tas-setturi ekonomiċi rispettivi; jikkunsidra li n-nuqqas ta' libertà, u l-biża li jesperjenzaw il-ħaddiema staġjunali illeġali li ma jkunux jistgħu jerġgħu jidħlu lura fil-pajjiż ospitanti b'mod legali, għalhekk se tkun evitata;

19. Jenfasizza l-importanza u r-responsabilità tal-midja lokali, nazzjonali u internazzjonali, mhux biss biex tinforma lis-soċjetà ospitanti imma wkoll biex titrażmetti informazzjoni lil emmigranti potenzjali fil-pajjiż ta' oriġini tagħhom, minħabba l-impatt konsiderevoli ta' stampa li tirrifletti r-realtà tal-fenomenu tal-migrazzjoni;

20. itenni li ċ-ċelebrazzjoni ta' l-2008 bħala s-sena għad-djalogu interkulturali trid tikkontribbwixxi għat-titjib ta' l-integrazzjoni ta' immigranti fis-soċjetajiet ospitanti u fil-viċinati, u għal ftehim reċiproku, biex b'hekk jitnaqqsu sitwazzjonijiet ta' nuqqas ta' fiduċja, ta' razziżmu u ta' ksenofobija; iħeġġeġ lill-Kummissjoni biex tippromwovi x-xogħol ta' organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili favur il-koeżistenza interkulturali u r-rispett reċiproku, u favur l-edukazzjoni għas-servizz tal-paċi u n-nuqqas ta' vjolenza;

21. jinkoraġġixxi lill-Istati Membri biex jieħdu vantaġġ tajjeb mill-fondi ta' korrispondenza u mill-istrumenti ġodda finanzjarji tal-Komunita, sabiex jattivaw dan il-pjan politiku dwar il-migrazzjoni legali;

22. jenfasiżża l-importanza, fuq livell internazzjonali, tal-prinċipju tal-moviment ħieles ta' persuni u ta' ideat bħala l-valur fundamental tal-kultura Ewropea; iħeġġeġ lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jieħdu miżuri prattiċi biex jissalvagwardjaw dan il-wirt sabiex iqajmu kuxjenza fost il-pubbliku Ewropew u l-atturi ekonomiċi tal-valur miżjud ta' l-immigrazzjoni legali;

23. jistieden lill-Kummissjoni biex tintroduċi miżuri ta' ko-żvilupp sabiex jinkoraġġixxu lill-immigranti biex jikkontribwixxu għall-iżvilupp tal-pajjiżi ta' l-oriġni tagħhom.

PROĊEDURA

Titolu	Pjan ta' Politika dwar l-Immigrazzjoni Legali
Numru ta' Proċedura	2006/2251(INI)
Kumitat responsabbli	LIBE
Kumitat(i) mitlub(a) jagħti/u opinjoni Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	CULT 26.10.2006
Koperazzjoni aktar mill-qrib - data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	
'Rapporteur' għal opinjoni Data tal-ħatra	Maria Badia i Cutchet 14.11.2006
'Rapporteur' ta' opinjoni preċedenti	
Eżami fil-kumitat	27.2.2007 22.3.2007 0.0.0000
Data ta' l-adozzjoni	22.3.2007
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: 27 –: 0 0: 0
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Maria Badia i Cutchet, Ivo Belet, Giovanni Berlinguer, Marie-Hélène Descamps, Jolanta Dičkutė, Věra Flasarová, Milan Gaľa, Vasco Graça Moura, Lissy Gröner, Luis Herrero-Tejedor, Ruth Hieronymi, Bernat Joan i Marí, Sándor Kónya-Hamar, Manolis Mavrommatis, Marianne Mikko, Viorica-Pompilia-Georgeta Moisuc, Ljudmila Novak, Zdzisław Zbigniew Podkański, Christa Prets, Pál Schmitt, Gheorghe Vergil Şerbu, Nikolaos Sifunakis, Thomas Wise, Tomáš Zatloukal
Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali	Giusto Catania, Mario Mauro, Nina Škottová
Sostituti(i) (skond l-Artikolu 178(2) preżenti għall-votazzjoni finali	
Kummenti (disponibbli b'lingwa waħda biss)	...